**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 6/2015VG**

**XXX**

**Vs**

**Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 23 ta' Jannar 2025**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fil-5 ta' Marzu 2015, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 hija invalida u żbaljata, u konsegwentement jgħaddi biex jikkanċellaha;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 u 4 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija stima tiġi kkonfermata stante li l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi l-istima in kwistjoni hija ġusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "N" a fol. 16 sa' 32 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015[1], id-Difensur tar-Rikorrent iddikjara li l-istess Rikorrent ma għandux provi x'jressaq iżda rriserva li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet fi stadju opportun;

[1] Fol. 42 tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Angela Muscat, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2016[2] u sema' x-xhieda ta' Chris Spiteri, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2016[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati lkoll flimkien bħala Dok. "CS" a fol. 48 sa' 52 tal-proċess, u sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2016[4] u ra l-fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tar-Rikorrent a fol. 56 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi magħha a fol. 69 sa' 77 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 81 sa' 90 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' stima għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 datata fl-24 ta' Frar 2015, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum l-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jesiġi mingħand ir-Rikorrent il-ħlas tas-somma ta' €837.70 rappreżentanti taxxa għall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni (kreditu għal Input Tax mhux aċċettat mill-Kummissarju), flimkien mas-somma ta' €167.54 rappreżentanti taxxa amministrattiva, komplessivament ammontanti għal **€1,005.24**[5]. Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ ta' din l-istima fil-konfront tiegħu u jitlob li t-Tribunal jiddikjara li l-imsemmija stima hija invalida u żbaljata, u konsegwentement jgħaddi biex jikkanċellaha.

Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu fuq is-segwenti aggravji: (i) *in via preliminari u bħala eċċezzjoni preliminari, l-istima hija invalida fil-liġi stante illi nħarġet bid-difett oriġinali u senjatament mhux in konformità tal-metodoloġija stabbilita tassattivament fl-Art. 32 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - u senjatament Art. 32(3) ta' l-Att peress illi l-Konvenut/Appellat Direttur Ġenerali iċċita l-imsemmi artiklu fl-ittra tiegħu ta' motivazzjoni (sic) datata 26.02.2015* (footnote 1 a fol. 1 tal-proċess); (ii) *in via preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istima hija invalida għaliex ħarġet bla motivazzjoni stante illi filwaqt illi l-ittra li takkumpanja l-istima (datata 26.02.2015…) tgħid illi "As the Department did not accept the amounts that you indicated …." ma jgħidx imma għaliex m'aċċettax tali ammonti. Naturalment dan irid jittieħed fl-ambitu illi d-deċiżjoni hawn appellata hija waħda kważi-ġudizzjarja u perciò għandha tkun adekwatament motivata;* (iii) fil-mertu, *l-istima ġiet maħruġa fuq kunsiderazzjonijiet u assumptions żbaljati.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi, gia Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u llum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 u jitlob li l-istess jiġi miċħud fil-waqt li l-istima tiġi kkonfermata stante li: (i) kuntrarjament

[2] Fol. 44 sa' 46 tal-proċess.
[3] Fol. 53 u 54 tal-proċess.
[4] Fol. 57 sa' 59 tal-proċess.
[5] Fol. 4 tal-proċess.

għal dak pretiż mir-Rikorrent bl-ewwel aggravju preliminari tiegħu, il-Kummissarju ottempera ruħu skrupolożament mat-termini ta' tletin ġurnata u tas-sitt xhur min-notifika ta' l-istima proviżorja previsti fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent bit-tieni aggravju preliminari tiegħu, huwa kien jaf għalfejn inħarġet l-istima proviżorja fil-konfront tiegħu. Għad illi talab Review, peress illi huwa ma ssosstanzjax tali talba l-istima proviżorja ġiet konfermata u għaldaqstant ma kien hemm xejn ġdid jew differenti fl-istima finali maħruġa fil-konfront tiegħu; (iii) fil-mertu, fejn ir-Rikorrent jikkontendi li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet żbaljati u *assumptions* da parte tal-Kummissarju, dan huwa *aggravju effimeru, nebuluż u bla ebda fundament legali.*

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-verifika fir-rigward tar-Rikorrent da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skattat fil-kuntest tal-proċess tat-talba għal *deregistration* sottomessa mir-Rikorrent. Meta d-Dipartiment ġie biex jipproċessa tali talba għal *deregistration* irriżulta li r-Rikorrent kellu żewġ denunzji tat-taxxa neqsin u mingħajrhom it-talba tiegħu ma segħetx tiġi kkunsidrata. B'Avviż datat 24 ta' Ġunju 2013[6], id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għarraf lir-Rikorrent illi *you are kindly requested to fill these two forms with "Start Dates - 01/01/013, 01/04/13", file them with immediate effect. De-Registration process cannot continue before these forms are submitted even there was no business transactions during the related period to the Department and legal action can be taken.* B'Avviż ieħor datat 10 ta' Settembru 2013[7], id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) mill-ġdid għarraf lir-Rikorrent illi *with reference to your application to deregister your VAT number, kindly note that the Deregistration process cannot continue before all tax returns are submitted at the VAT Department. Please note that legal action can be taken and penalties will be incurred.*

Sussegwentement irriżulta li r-Rikorrent issottometta żewġ denunzji tat-taxxa għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013: waħda fil-15 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara kreditu għal Input Tax fl-ammont ta' €875.16[8], u oħra fl-14 ta' Frar 2014[9] fejn iddikjara kreditu għal Input Tax fl-ammont ta' €66.36. Fiċ-ċirkostanzi u rinfaċċjat b'żewġ denunzji ta' taxxa b'dikjarazzjonijiet differenti, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skatta eżerċizzju ta' spezzjoni u verifika ta' *sales and purchases records* tar-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013.

Angela Muscat, l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigata minn din il-verifika fil-konfront tar-Rikorrent, bagħtet tlett Avviżi lill-istess Rikorrent fejn talbitu *sales and purchases ledgers for tax period 01/01/13 to 31/03/13*[10], bit-tieni u t-tielet Avviż jirriżultaw notifikati lir-Rikorrent, senjatament wieħed f'idejn ommu u ieħor f'idejn ir-Rikorrent stess fis-7 ta' Lulju 2014 u fis-16 ta' Awwissu 2014, rispettivament. It-Tribunal jqħid li dawn iż-żewġ Avviżi ġew hekk notifikati lir-Rikorrent għar-raġuni illi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju

[6] Dok. "C" fol. 18 tal-proċess.
[7] A tergo ta' fol. 18 tal-proċess.
[8] Dok. "E" a fol. 20 tal-proċess.
[9] A tergo ta' fol. 20 tal-proċess.
[10] Dok. "F" sa' Dok. "H" a fol. 21 sa' 23 tal-proċess.

2016[11], l-istess Rikorrent għaraf kemm il-firma ta' ommu fuq l-AR Card relattiva għat-tieni Avviż kif ukoll il-firma tiegħu fuq l-AR Card relattiva għat-tielet Avviż.

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2016[12], Angela Muscat stqarret illi *il-file ġie għandna minħabba li kien hemm żewġ returns with different values. Issa żewġ returns with different values ma jistgħux jidħlu fis-sistema għaliex jew waħda jew l-oħra. Bħal ma nagħmlu s-soltu ħriġnielu l-ewwel ittra, it-tieni ittra u it-tielet ittra biex iġibilna d-dokumenti ħalli naraw liema values huma t-tajbin.* Stqarret li r-Rikorrent intalab *iġibilna r-records għaliex meta jiġri każ hekk inkunu irridu r-records aħna. … Sales and purchases, ikkuntattjawna mill-uffiċċju tas-Sur Joe Sammut u ġabulna r-records, ġabitilna qisu għamla ta' purchases. Meta morna rajnihom tlabna wkoll aħna l-invoices u meta ġejna biex niċċekkjaw l-invoices mal-ledgers sibna li dawn ma nistgħux naċċettawhom kollha għaliex ħafna minnhom ma kienx fihom VAT u l-oħrajn ma kienux invoices tajbin. … L-ewwel ġab il-ledgers u għidnielu aħna li ma nistgħux naċċettawhom kif inhuma, irid isir adjustment fuqhom għaliex qabbilnihom ma' l-invoices u ma stajniex naċċettawhom. … Ma stajniex naqblu u ma stajniex naslu għal dak il-valur.* Stqarret illi fid-dawl ta' tali sitwazzjoni *tlabnieh spjegazzjoni, ċempilt kemm-il darba l-uffiċċju, ħallejtlu risposta ma' l-impjegati tiegħu li kien hemm fl-uffiċċju u għidtlu biex jiġi d-Dipartiment ħalli nkunu nistgħu niddiskutuhom biex inkunu nistgħu naslu. … Kellu jċempilli u hu qatt ma ċempel.* Fid-dawl ta' dan *aħna ġbarna ledgers ġodda skond l-invoices li tana li seta' d-Dipartiment jaċċetta biex isir xogħol fuqha din ir-return u ħriġna l-provisional … according tal-values illi kien hemm li stajna naċċettaw.*

B'Avviż datat **13 ta' Novembru 2014**[13] il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lir-Rikorrent illi *the enclosed Provisional Assessment issued for the following reason: Over stating Input Vat as per Vat Act 2004.* L-annessa stima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 kienet għas-somma ta' €837.70 bħala taxxa (kreditu għal Input Tax li ma ġiex aċċettat mill-Kummissarju) flimkien mas-somma ta' €167.54 rappreżentanti penali. Dan l-Avviż u l-istima proviżorja annessa miegħu ġew notifikati lir-Rikorrent illi fis-**17 ta' Diċembru 2014**[14] talab Review ta' l-istima proviżorja in kwistjoni stante li skontu tali stima *hija invalida fil-fatt u fid-dritt.* B'Avviż datat **19 ta' Jannar 2015**[15] il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lir-Rikorrent illi *nirreferi għat-talba tiegħek biex isir reviżjoni għall-istima provizojra iddatata 13 ta' Novembru 2014 għall-perijodu ta' taxxa fuq imsemmija* (01.01.2013-31.03.2013). *Inti ġentilment mitlub biex tipprovdi lid-Dipartiment aktar argumenti u provi biex tissostanzja r-raġunijiet tiegħek għaliex ma taqbilx ma' din l-istima proviżorja. Jekk jogħoġbok ċempel lil persuna hawn taħt imsemmija* (Chris Spiteri) *fi żmien 15-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra fuq 22799299 jew email fuq* <u>christopher.a.spiteri@gov.mt</u> *għal aktar informazzjoni u biex isir appuntament.*

Chris Spiteri[16], dak iż-żmien Review Officer fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, xehed illi *fil-każ ta' XXX jiena kont ir-Review Officer, jiġifieri wara li jkunu ħarġu l-istejjem minn naħa tad-Dipartiment, id-Dipartiment ikun jista' jerġa'*

[11] Fol. 57 sa' 59 tal-proċess.
[12] Fol. 44 sa' 46 tal-proċess.
[13] Dok. "I" a fol. 26 tal-proċess.
[14] Dok. "CS" a fol. 48 tal-proċess.
[15] Dok. "CS" a fol. 49 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2016, fol. 53 u 54 tal-proċess.

*jirrevedi l-każ, u fil-fatt irċevejna request for review id-Dipartiment fis-17 ta' Diċembru 2014 rigward dan il-każ. ... Ir-raġuni fir-request for review kienet waħda ġenerali, li l-istima hija invalida fil-fatt u fid-dritt, jiġifieri kienet waħda ġenerali u ma kienx hemm xejn pinpointed. ... Aħna fil-fatt fid-19 ta' Jannar 2015, bgħatna ittra lis-Sur XXX fejn hemm tlabna biex iressaq aktar provi u argumenti fuq dawn l-istejjem li ħarġu. ... l-ittra li kienet reġistrata kienet iffirmata mas-Sur XXX fil-21 ta' Jannar 2015. ... Minn hemmhekk jiena ma rċevejt l-ebda korrispondenza u ma sar l-ebda kuntatt miegħi u qisu xi xahar wara d-Dipartiment ikkonferma l-istejjem u t-tax payer ġie notifikat fis-17 ta' Frar 2015.*

Permezz ta' Avviż datat **17 ta' Frar 2015**[17], il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lir-Rikorrent illi *please refer to your request for a review regarding the provisional assessment issued, dated 13$^{th}$ November 2014. I am to inform you that after the department re-considered your case, the provisional assessments are being confirmed. The assessments will be sent in due course. If you feel aggrieved by the decision you may lodge an appeal with the Administrative Review Tribunal as per Legal Notice 89 of 2012 within 30 days from receipt of the said assessments.* B'Avviż ulterjuri datat **26 ta' Frar 2015**[18] il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lir-Rikorrent li *as the Department did not accept the amounts that you indicated in your Tax Return, the enclosed assessment is being raised in terms of Section 32(3) of the Value Added Tax Act, 1998 ... If you feel aggrieved by this assessment you may appeal to the Administrative Review Tribunal at the law courts, in terms of Article 43 & 44 and Schedule 9 of the same Act within thirty (30) days of the date upon which this notice of assessment has been served.*

Wara li r-Rikorrent ġie notifikat bl-istima in kwistjoni, huwa intavola l-appell odjern.

It-Tribunal iqis li l-ewwel li għandhom jiġu trattati huma l-aggravji preliminari sollevati mir-Rikorrent u cioè l-aggravji tan-nullità ta' l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 in kwantu li skontu mhux in konformità ma' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta **u** in kwantu li skontu hija għalkollox nieqsa minn kull motivazzjoni.
L-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia qabel l-emendi introdotti bl-Att XV ta' l-2016, kien jipprovdi li: *(1) Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja tat-taxxa magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta ta' l-informazzjoni meħtieġa li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jagħmel stima proviżorja u għandu jinnotifika dik l-istima proviżorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi żmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbagħat id-denunzja ta' taxxa għal dak iż-żmien ta' taxxa, skond liema data tiġi l-aktar tard: Iżda fejn l-istima proviżorja tkun tirreferi għall-aġġustament li jirrelata ma' l-input tax fuq l-oġġetti kapitali msemmija fl-Għaxar Skeda, għandha tiġi notifikata mhux aktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament imsemmi fl-imsemmija skeda. (2) Meta tinħareġ stima proviżorja għandu jkun indikat b'mod ċar fuqha li dik tkun stima proviżorja u li wara tista' tinħareġ stima fil-limitu ta' żmien speċifikat fis-subartikolu (3). Ħlief kif imsemmi qabel stima proviżorja għandu jkun fiha dawk il-*

[17] Dok. "M" a fol. 30 tal-proċess.
[18] Dok. "N" a fol. 31 u 32 tal-proċess.

*partikolaritajiet kollha li huma meħtieġa li jingħataw fi stimi u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Kummissarju jista' jidhirlu xierqa tista' ssir fuq dik il-formula u jista' jkun fiha dawk il-partijiet l-oħra kif jista' jiġi preskritt. (3) Wara li jgħaddi żmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux aktar minn sitt xhur min-notifika ta' stima proviżorja lil persuna dwar żmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jagħmel stima ta' l-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha dik il-persuna tkun ġiet suġġetta u għandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna. (4) L-istima magħmula skond is-subartikolu (3) ma għandux ikun fiha xi differenzi fl-ammonti speċifikati fl-istima proviżorja relattiva ħlief għal - (a) varjazzjonijiet mitluba minn jew bi ftehim ma' l-imsemmija persuna; (b) varjazzjonijiet li jikkonsistu fis-sostituzzjoni tal-ammonti murija fl-istima proviżorja b'ammonti li jkunu daqsinsew jew eqreb ta' dawk dikjarati fid-denunzja relattiva. (5) Il-Kummissarju jista', għall-għanijiet ta' dan l-Att, jikkanċella kull stima provviżorja li jkun ħareġ, u joħroġ stima provviżorja ġdida, u dan il-kanċellament għandu jkun bla preġudizzju li joħroġ stima provviżorja ġdida li tkun meħtieġa toħroġ taħt dan l-Att minflok l-istima provviżorja kkanċellata li għandha titqies li qatt ma ħarġet. Din l-istima provviżorja ġdida għandha tinħareġ fiż-żmien perentorju speċifikat fis-subartikolu (1).*

Meta l-fattispecie tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti ta' dan l-Artikolu tal-Liġi, jirriżulta immedjatament evidenti li l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ma hijiex nulla.

Kif irriżulta mill-provi prodotti l-verifiks fil-konfront tar-Rikorrent skattat għaliex waqt il-proċess għal *deregistration* u għall-fini ta' l-istess, huwa ppreżenta żewġ denunzji ta' taxxa għall-istess perijodu ta' taxxa - ossia għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 - b'ammonti dikjarati differenti. Tul il-verifika da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud sabiex jiġi determinat liema mill-ammonti dikjarati mir-Rikorrent huwa dak pertinenti u relattiv għall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni, l-istess Dipartiment sab li d-dikjarazzjoni magħmula mir-Rikorrent ma kenitx waħda korretta u kellu dikjarazzjoni biż-żejjed ta' Input Tax. Konsegwentement għalhekk inħarġet l-istima proviżorja fil-konfront tiegħu fit-13 ta' Novembru 2014, liema stima ġiet notifikata fit-**18 ta' Novembru 2014**[19]. L-istima proviżorja kienet tindika l-perijodu ta' taxxa li dwaru nħarġet - ossia l-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 - l-ammont ta' taxxa mitluba mill-Kummissarju u l-penali amministrattiva imposta mill-istess Kummissarju, kif ukoll l-avviż li dik l-istima kienet stima proviżorja u warajha setgħet tinħareġ stima skond l-Artikolu 34 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kollox ai termini tal-Liġi. Wara l-istadju tar-Review mitlub mir-Rikorrent, iżda minnu mhux użufruwit kif wieħed jistenna in kwantu ma ressaqx provi in sostenn ta' l-oġġezzjoni tiegħu għall-istima maħruġa kontrih, fis-**26 ta' Frar 2015**, u cioè iktar minn tletin ġurnata iżda inqas minn sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istima proviżorja, il-Kummissarju tat-Taxxi kkonferma dik l-istima proviżorja u ħareġ l-istima finali fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 datata 24 ta' Frar 2015. Ladarba l-istima proviżorja maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ġiet ikkonfermata, ma hemm assolutament l-ebda differenza u/jew diskrepanza bejn l-istima proviżorja u l-istima

[19] Fol. 27 tal-proċess.

finali, fejn il-Kummissarju esiġa u baqa' hekk jesiġi mingħand ir-Rikorrent il-ħlas ta' somma ta' €837.70 bħala taxxa u s-somma ta' €167.54 bħala penali/taxxa amministrattiva.

Dak kollu li sar mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), in segwitu Kummissarju tat-Taxxi, għalhekk huwa pjenament in konformità ma' dak kollu dispost fl-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal iqis li l-ewwel aggravju preliminari fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Bit-tieni aggravju preliminari tiegħu, ir-Rikorrent jikkontendi li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 hija nulla u invalida għaliex skontu hija nieqsa minn kull motivazzjoni.

Hawn ukoll it-Tribunal iqis li dan l-aggravju tar-Rikorrent huwa għal kollox inġustifikat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kwistjoni inizjali kienet tikkonċerna l-fatt li għall-istess perijodu ta' taxxa - 01.01.2013-31.03.2013 - ir-Rikorrent issottometta żewġ denunzji ta' taxxa mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema denunzji kellhom figuri differenti għall-fini ta' kreditu għal Input Tax minnu reklamat. Naturalment id-Dipartiment kellu jiddetermina liema minn dawn iż-żewġ ammonti kien dak li kellu jiġi kkunsidrat bħala pertinenti għall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni u, ulterjorment jekk l-ammont hekk effettivament reklamat mir-Rikorrent kienx fih innifsu korrett u debitament sostanzjat. Dan kien l-eżerċizzju ta' verifika li sar minn Angela Muscat, fir-rigward ta' liema hija kienet in kuntatt kemm mar-Rikorrent, għall-fini ta' dokumentazzjoni mitluba, kif ukoll mar-rappreżentant tiegħu s-Sur Joseph Sammut għall-fini ta' diffikultajiet varji riskontrati fil-verifika in kwantu rigwarda kwalità u korrettezza tad-dokumenti u pretensjonijiet ta' l-istess Rikorrent.

Meta Angela Muscat ħarġet l-istima proviżorja għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013, fl-Avviż datat 13 ta' Novembru 2014 hija kjarament indikat lir-Rikorrent illi l-istima kienet qed tinħareġ minħabba *over stating Input Vat as per Vat Act 2004*, dwar liema kwistjoni kienet ilha tiġri wara r-Rikorrent u r-rappreżentant tiegħu tul l-istadju tal-verifika magħmula minnha. In segwitu għall-istadju tar-Review, l-istima proviżorja li, kif ingħad, inħarġet minħabba *over stating Input Vaas per Vat Act 2004*, ġiet ikkonfermata, hekk kif ġie mgħarraf ir-Rikorrent bl-Avviż datat 17 ta' Frar 2015, u għaldaqstant huwa evidenti li l-bażi u l-motivazzjoni ta' l-istima datata 24 ta' Frar 2015 maħruġa fis-26 ta' Frar 2015 kienet u baqgħet l-istess bħall-bażi u l-motivazzjoni ta' l-istima proviżorja.

Fid-dawl ta' dan għalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-Rikorrent jippretendi li jargumenta b'suċċess li l-istima hekk maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 hija nulla u invalida.

Hawn it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-House of Lords fl-ismijiet **South Bucks District Council v. Porter (No 2) [2004] 1 WLR 1953**, fejn dwar il-ħtieġa li deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi jkunu motivati ġie osservat illi *the reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational decision on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration. … **Decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced**[20].*

Hija proprio din l-aħħar osservazzjoni li hija ferm importanti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri. Ir-Rikorrent, tramite r-rappreżentant tiegħu Joseph Sammut, kien jaf ben tajjeb x'kienu l-kwistjonijiet li dwarhom kellu dubju d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kemm fl-istadju tal-verifika kif ukoll fl-istadju tar-Review, u kien jaf bejn tajjeb ukoll il-bażi ta' l-istima proviżorja. Għaldaqstant meta wara l-istadju tar-Review huwa ġie infurmat li *after the department re-considered your case, the provisional assessments are being confirmed,* ir-Rikorrent kien f'posizzjoni tali li jaf ben tajjeb għaliex, għalfejn u kif iħarġet l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li t-tieni aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrent in sostenn ta' l-appell tiegħu mill-istima maħruġa kontrih għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 ukoll ma huwiex ġustifikat, u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ir-Rikorrent, kontra kull prinċipju proċedurali, jissolleva aggravju ulterjuri in opposizzjoni għall-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013. In effetti huwa jissottometti li *joħroġ b'mod ċar illi minkejja t-talba tar-Rikorrent sabiex issir korrezzjoni fid-denunzji sottomessi (permezz ta' l-ittra datata 5 ta' Novembru 2014 Dok. I), id-Dipartiment mhux talli ma pproċediex sabiex jagħmel il-korrezzjoni, talli warrab għal kollox it-talba, u dan bi ksur tad-drittijiet li għandu ir-Rikorrent taħt l-Artikoli 28 u 37(2) u 37(3) ta' l-Att (Kap. 406) b'mod speċifiku. Inoltre, u hawn fejn si tratta n-nuqqas ta' rispett mill-Fisco lejn min iħallas it-taxxi, l-ittra ta' rikjesta tar-Rikorrent (Dok I) sabiex issir il-korrezzjoni qatt ma kienet imwieġba mid-Dipartiment: l-ittra ta' korrezzjoni (Dok I) saret qabel ħarġet l-istima proviżorja, kienet dokumentata b'lista ta' spejjeż dettaljati (Dok I) u saret fl-ambitu ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat sabiex l-aħħar denunzji qabel id-dereġistrazzjoni jkunu sottomessi korrettament. Illi huwa proprju hawn fejn ir-Rikorrent qiegħed isejjes il-perm ta' l-appell tiegħu u cioè illi immedjatament illi r-Rikorrent bagħat ittra/rikjesta ta'*

[20] Enfasi tat-Tribunal.

*korrezzjoni u dment illi din kienet tippreċedi l-ħruġ ta' l-istima proviżorja, allura l-Appellat Direttur kellu l-obbligu li l-ewwel jipproċedi bil-korrezzjoni u mbagħad jekk xorta ried jagħmel verifiki ulterjuri u possibilment stejjem, seta' għamel dan aktar tard; u proprju fuq dan il-punt tispikka Nota Nru. 7 tar-Risposta ta' l-Appellat Direttur illi tiddeskrivi tali ittra/rikjesta (tal-5 ta' Novembru 2014) bħala "spjegazzjoni ta' x'seta' ġara…" ; le din ma kienitx ittra ta' spjegazzjoni imma …ferm aktar importanti mill-aspett legali … rikjesta għal korrezzjoni, talba li l-Appellat Direttur ma seta' qatt jinjora, kif fil-fatt għamel.*

Ladarba dan l-aggravju ġie sollevat biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent u mhux b'mod formali kif teħtieġ il-Liġi, ossia li fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jinkludi, fost affarijiet oħra, *dikjarazzjoni ċara u korretta tas-suġġett u r-raġuni għat-talba* u *esposizzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-każ, kif ikun jafhom ir-rikorrent* - Artikolu 15(1)(a)(ċ) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli għal appelli ai termini tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Partita 2(1)(d) tad-Disa' Skeda ta' l-imsemmi Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jista' jagħżel li jinjora tali aggravju. Madanakollu però, tant l-istess aggravju fih misrappreżentazzjoni tal-fatti u tal-prinċipji ġuridiċi relattivi, li t-Tribunal ma jistax jonqos, għax iħossu hekk fid-dmir li jagħmel, milli jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u kummenti:

L-ittra datata 5 ta' Novembru 2014 mibgħuta minn Joseph Sammut għan-nom tar-Rikorrent lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), taqra hekk: *nikteb għan-nom tas-suespost* (XXX - Vat Nru. MT20688424) *rigwardanti r-rikjesta tiegħek dwar denunzja doppja għall-perijodu fiskali 01 Jan - 31 Mar 2013. Bir-rispett ngħarrfek illi jidher li saret denunzja oħra duplikata u cjoe dik sussegwenti 01 Apr - 31 Mej 2013. Naturalment napprezza li din is-sitwazzjoni tkun verifikata. Intant qed nibgħatlek id-dokumenti u l-listing ta' l-ispejjes "F" illi is-suespost kellu fiż-żewġ perijodi ndikati u li ġew denunzjati*[21]*. Jidher illi fiż-żewġ denunzji ġew denunzjati*[22] *€10,590.15 bħala spejjeż "gross". Il-listing li qed tintbagħat għandha total ta' €9,063.42 u dan minħabba li xi spejjeż oħrajn ma setgħetx tinstab id-dokumentazzjoni tagħhom. Fiċ-ċirkustanzi allura jidher li hemm bżonn tas-segwenti azzjoni u cjoe: Ikunu dikjarati korretti d-denunzji*[23] *li fihom €875.16 u €740.29 bħala "tax credit" imma bil-kundizzjoni illi jkunu korreġuti għall-ammont totali msemmi aktar il-fuq.*

Huwa evidenti li din l-ittra tirreferi għad-denunzji tat-taxxa tar-Rikorrent għal żewġ perijodi ta' taxxa: (i) dak mertu ta' dawn il-proċeduri 01.01.2013-31.03.2013; u (ii) dak mhux mertu ta' dawn il-proċeduri, skontu l-perijodu 01.04.2013-31.05.2013. Ir-Rikorrent kjarament jgħid li għandha titqies bħala korretta, ossia dik it-tajba, id-denunzja fejn il-kreditu għal Input Tax reklamat huwa ta' €875.16 u d-denunzja fejn il-kreditu għal Input Tax reklamat huwa ta' €740.29. Huwa evidenti li dawn huma id-denunzji tat-taxxa għall-perijodi 01.01.2031-31.03.2013 u, skond ir-Rikorrent, 01.04.2013-31.05.2013, rispettivament.

[21] Sottolinear tat-Tribunal.
[22] Sottlinear tat-Tribunal.
[23] Sottolinear tat-Tribunal.

Meta tiġi kkunsidrata l-ewwel denunzja għall-perijodu ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri - ossia dik għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 - sottomessa fil-15 ta' Ottubru 2103 - Dok. "E" a fol. 20 tal-proċess - huwa evidenti li l-kreditu għal Input Tax hemm reklamat kien appuntu dak ta' €875.16, ossia l-kreditu għal Input Tax li r-Rikorrent talab lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) sabiex iqisu bħala l-wieħed pertinenti għal dak il-perijodu ta' taxxa. Fl-ambitu ta' din id-denunzja partikolari ma jidhirx li hemm lok ta' korrezzjoni għaliex l-ammont baqa' l-istess bħal dak oriġinarjament reklamat. Jekk il-korrezzjoni kienet intiża għad-denunzja għall-perijodu ta' taxxa skond ir-Rikorrent 01.04.2013-31.05.2013, din ma għandha l-ebda effett u impatt fuq dawn il-proċeduri peress illi tali perijodu ta' taxxa ma jifformax parti mill-mertu ta' dawn il-proċeduri.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jidher li aċċetta t-talba tar-Rikorrent li kellha titqies bħala d-denunzja pertinenti għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 dik sottomessa fil-15 ta' Ottubru 2013 fejn ġie reklamat kreditu għal Input Tax ta' €875.16, iżda imbagħad għadda, kif kellu jgħaddi fil-kuntest tal-proċess tad-*deregistration* mitluba mill-istess Rikorrent, biex jikkonferma dik id-denunzja hekk sottomessa mir-Rikorrent.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal ma jsib assolutament xejn x'jiċċensura fl-aġir tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fir-rigward tal-verifika mmexxi fil-konfront tar-Rikorrent u l-eventwali ħruġ ta' stima fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013.

Fir-rigward tal-mertu ta' l-appell odjern, ir-Rikorrent jikkontendi li l-istima ġiet maħruġa fuq kunsiderazzjonijiet u *assumptions* żbaljati. Minkejja li ġie sollevat dan l-aggravju però ir-Rikorrent, għal raġunijiet li jafhom huwa biss, għażel li ma jressaqx provi fl-istadju opportun. In effetti fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015[24], li kienet seduta speċifikatament intiża biex ir-Rikorrent iressaq il-provi tiegħu, id-Difensur tiegħu ddikjara li r-Rikorrent ma għandux provi x'jressaq iżda rriserva li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet fl-istadju opportun.

Għal darb' oħra, fl-istadju tas-sottomissjonijiet ir-Rikorrent b'nuqqas totali ta' ħarsien tal-prinċipji proċedurali, ressaq dokument bħala prova in sostenn ta' dak minnu hemm affermat u bbaża ruħu fuq fatti li dwarhom ma hemmx provi in atti. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-Rikorrent in effetti jikkontendi li *bħala nota ta' spjegazzjoni, għas-skans ta' kull ekwivoku, irriżulta b'mod ċar illi t-Tax Invoices tar-Rikorrent huma lkoll validi imma li f'xi wħud minnhom kellhom in-numru tal-VAT tas-soċjetà XXX Poultry Plus Ltd., is-soċjetà li biha, qabel is-sena 2012, ir-Rikorrent kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu u li kienet ġiet stralċjata fis-sena 2012 (doks MFSA annessi); dan ġara fil-każ tas-supplier Salvu Vella Petroleum Supply b'total ta' erba' (4) fatturi ekwivalenti għal total ta' spejjeż ta' €6,160.60 u li fil-mori ta' dan l-Appell kienu ġew ikkoreġuti mill-istess supplier sabiex in-numru tal-VAT ikun jidentifika lir-Rikorrent bħala l-konsumatur/taxpayer u mhux lis-soċjetà tiegħu (li kienet ilha likwidata mis-sena 2012) u mgħoddija lill-Appellat Direttur sabiex jevalwa l-ġenwinità tal-posizzjoni tar-Rikorrenti.*

[24] Fol. 42 tal-proċess.

Din is-sottomissjoni tar-Rikorrent però ma tistax treġi u dana għal żewġ raġunijiet: (1) fl-ewwel lok *dak li jingħad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova (App. Ċiv. Chircop v. Dr. Fr. Frendo Randon noe 12/10/79) u għalhekk l-atturi ma jistgħux fit-trattazzjoni tagħhom jagħmlu provi u jġibu difiżi li ma tqajjmux waqt il-kawża* - **Josephine mart Vincent Sammut et v. Lorenza Agius et, Ċitaz. Nru. 367/93** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronunċjata fid-9 ta' Frar 2001; (2) fit-tieni lok, it-Tribunal ma jistax jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq provi - jew ta' l-inqas allegati provi - li ma humiex in atti - *Għal min qed jiġġudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Ġudikant adit minn mertu ta' proċediment għandu jfassal id-deċizjoni tiegħu fuq l-bażi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u għal tali materjal – in virtù tal-prinċipju ta' iura novit curia – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-prinċipju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiġġudika għandu l-obbligu jagħmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-deċiżjoni emessa tkun meħuda unikament in bażi għall-allegazzjonijiet pruvati, cioè miċ-ċirkostanzi fattwali u guridiċi dedotti in fondament għad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni, u dejjem meħuda in bażi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiża biex tassigura d-debitu rispett tal-prinċipji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi deċiżjoni bażata fuq fatti għaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setgħetx tiddefendi ruħha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-prinċipju tad-disponibilità tal-provi għandu jkun intiż bħala vinkolu għall-ġudikant fl-aċċertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti għal tali aċċertament, il-ġudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja għall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa għalhekk li l-ordinament ġuridiku iħaddan massimi Latini bħal "quod non est in actis non est in mundo", "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii". Tali massimi huma riflessi u abbraċċjati fid-deċiżjonijiet, fost oħra, in re Carmelo Zammit v. Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp (Qorti Kummerċjali, 10 ta' April, 1995) u in re Michael Debono et v. Joseph Zammit et (Prim'cAwla, 30 ta' Ġunju, 2010). In konġunta ma' din l-aħħar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn AURELIO SCARDACCIONE ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8) meta jgħid illi, "il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo." Awtur ieħor, CARLO LESSONA ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59), jasserixxi li, "la scienza personale del giudice da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti." Dan hu hekk preċiżament għax, "Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi*

*nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona." (cfr. GIROLAMO MONTELEONE, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269). Riflessjoni ta' dan it-tgħalim dottrinali jinsab fid-deċiżjoni domestiċi in re Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005); in re Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009); in re F. Advertising Limited v. Simon Attard et (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010) fost diversi oħrajn. Dan m'hu xejn ġdid iżda hu kunċett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima, gjà msemmija, ta' "quod non est in actis, non est in mundo"* - **Charles Schembri v. Jean Schembri, Talba Nru. 550/2017** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fid-9 ta' Jannar 2019.

In kwantu rigwarda kreditu għal Input Tax reklamat minn *taxpayer* fid-denunzja tat-taxxa tiegħu, il-Liġi hija ferm ċara: dan ma huwiex xi dritt assolut jew awtomatiku iżda huwa dritt regolat b'dak provdut fil-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti l-Artikolu 22(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti imniżżla fl-Għaxar Skeda.*

L-Għaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari l-Partita 2(1) ta' l-imsemmija Skeda, tipprovdi li: *Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoġġat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti miksuba minnu taħt akkwist intra-Komunitarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bħala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skond dan l-Att għandha titħallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun niżżlet dik it-taxxa bħala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa tagħha; u (ċ) id-dokument riferit fil-parafrafu (a) jkun miżmum minn dik il-persuna u jingħata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont tat-taxxa jkun ingħata kont tiegħu kif imiss fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna sal-limitu meħtieġ għall-għanijiet ta' l-Att.*

Huwa evidenti għalhekk li jekk *taxpayer* ma jissosstanzjax il-kreditu għal Input Tax minnu reklamat bil-mod kif previst mil-Liġi, dak l-istess kreditu għal Input Tax ma jistax jiġi aċċettat mill-Kummissarju. Kemm-il darba dak l-istess *taxpayer* jonqos milli jressaq provi appożiti quddiem dan it-Tribunal in sostenn ta' l-appell tiegħu minn stima maħruġa fil-konfront tiegħu - fil-każ in eżami stima relatata mal-kreditu għal Input Tax reklamat - ma jistax jargumenta b'suċċess li l-istima hekk maħruġa fil-konfront tiegħu hija żbaljata u/jew eċċessiva.

Fid-dawl ta' dan għalhekk anke l-aggravju fil-mertu sollevat mir-Rikorrent in sostenn ta' l-appell tiegħu mill-istima maħruġa kontrih għall-perijodu ta' taxxa 01.01.2013-31.03.2013 ma huwiex ġustifikat u bħala tali ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa

01.01.2013-31.03.2013, u dana billi jiċħad kemm iż-żewġ aggravji preliminari sollevati minnu kif ukoll jiċħad l-aggravju fil-mertu, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stima.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorent.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**